MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 42/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Melvin Pace**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Melvin Pace ta; 20 sena, bin Louis u Rita nee Camilleri, imwieled tal-Pieta' fl-20 ta' Ġunju 1986 u residenti Flat 2 Qasam tal-Bini tal-Gvern, Binja L, Ent B Żabbar ID 280686 (M)

1. Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-14 ta' Frar 2007 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-

Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.

2. Ukoll talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Jannar 2005 u l-15 ta' Frar 2006 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ntalbet li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar l-ispejjeż tal-esperti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża l-fedina penali tal-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2806 tas-sena 1986, l-istqarrija tal-imputat (fol 5), l-ordni tal-Avukat Ġenerali (fol 9), il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex janalizza s-sustanza misjuba u tas-sur Martin Bajada sabiex jieħu l-informazzjoni mill-mobile (fol 19) , **l-ammissjoni tal-pussess sempliċi biss (fol 33),** is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2005 (fol 40), ir-rapport tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 72) u r-rapport tal-espert Martin Bajada (fol 83).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-għaref Prosekutur u tal-għaref Difensur.

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fl-14 ta' Frar 2007 għall-ħabta tal-10.00am l-Pulizija marru fil-bus terminus tal-Belt fejn sabu lill-imputat b'Lm131 f'idejh. Instab ukoll numru ta' qratas tal-palstic li fihom kien jidher trab kannella suspettat eroina u dawn isntabu fl-idejn il-leminija tal-imputat. Kien hemm 10 pakketti u xi citric acid.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li huwa kien jikkonsma daqsa nofs gramma eroina kull jum. Is-soltu jixtri gramma sħiħa iżda dak in-nhar (jum qabel l-istqarrija) min kien ibegħlu d-droga ma kellux gramma sħiħa u tah għaxar pakketti. L-imputat spjega li mill-flus li kellu fuqu Lm50 kienu ta' missieru għax l-imputat kien jagħti Lm25 kull ġurnata li kien jaħdem waqt li l-Lm50 l-oħra kienu sehmu ta' jumejn xogħol. Huwa nnega li kien ibiegħ id-droga u qal ukoll li għaxar pakketti kienu għall-użu personali tiegħu. (fol 7).

PC 1220 Chris Baldacchino intera l-esibit u kkonferma li dawn il-qratas kienu dawk li kien elevate minn għand l-imputat fl-14 ta' Frar 2007. Kienu ġo borża li kien fiha żewġ boroż. Il-qratas kienu separat iżda ma kienx ċert kif kienu mqassmin eżatt. Deherli li kienu mqassmin tlieta u sebgħa.

PC 1065 Neville Grech ikkonferma x-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino. Mill-ġakketta kienu elvati wkoll pakkett citric acid u mobile phone. (fol 26).

PS 536 Jason Caruana kkonferma li, meta l-Pulizija marru fuq l-imputat, id l-imputat kienet ponn. Ix-xhud ħataf id l-imputat fejn kellu borża bi trab kannella suspettat eroina.

Xehdet ukoll Liliana Micallef, social worker tas-Sedqa, li qalet li l-imputat kien lest li jibda programm iżda kellu xi każi pendenti l-Qorti.

Skond ir-rappreżentant tal-ETC Philip Bonnici, l-imputat qatt ma kien ħadem.

Skond ix-xhieda tal-Ispiżjar Mario Mifsud,[1] kienu nstabu għaxart iqratas li kellhom piż ivarja bejn 0.061 sa 0.115 grammi  L-ammont totali kien t' 0.842 grammi eroina li kellha purita' ta' 29.7%.

Xehed ukoll Mike Orland, rappreżentant tas-Sedqa, li qal li jekk il-Qorti ttih iċ-ċans l-imputat kien lest li jagħmel il-programm.  Il-problema tal-każi pendenti kien qed ikollha effett fuq il-motivazzjoni tal-imputat biex jagħmel il-programm.

Xehed ukoll Gaetano Sammut, rappreżentant tl-ADT, li qal li meta l-imputat ħadem ta' parker, dan għamlu llegalment. (fol 76).  Ġieli kien jaħdem ta' parker flok missieru.  (fol 77).

Xehdet ukoll Jean Cali rappreżentanta tal-Caritas li ddeskriviet il-progress tal-imputat bħala wieħed tajjeb.

Xehed l-imputat (fol 92) li qal li fiż-żmien meta l-Pulizija kienu marru fuqu huwa kien juża ħafna eroina. Huwa kkonferma li dawk il-pakketti kienu kollha għalih.  Huwa qal li meta xehed kien ilu tliet ġimgħat fil-programm tal-Caritas.

Fil-kontro-eżami l-imputat xehed ukoll li hu kien jgħin lil missieru bħala parker in-naħa tal-Excelsior.  Il-flus tal-parking kien iżommhom missieru.  Huwa forsi kien jieħu xi ħaġa mit-tips. Huwa qisu kien iħallas Lm40 għad-droga jum iva u jum le. L-imputat qal ukoll li kien jieħu d-droga f'diversi ħinijiet. Fl-aħħarnett huwa qal li kien qed iżomm fuqu d-disat iqratas minħabba li ried iżommhom matul il-ġurnata.

### Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

L-imputat  ammetta l-pussess sempliċi u għalhekk kien ippruvat li l-imputat kien fil-pussess tal-eroina fil-jum imsemmi.

[1] Dan l-espert kien leħaq ġie notifikat bl-inkarigu qabel ma d-difiża ddeċidiet li tammetti li s-sustanza kienet 'eroina'.  Ara fol 33.

Dwar il-pussess aggravatg, il-Qorti qed tqis:

(a) Li l-imputat instab barra t-triq f'post pubbliku ħafna;

(b) Li d-droga kienet imqassma f'għaxar  qratas b'piż bejn wieħed u ieħor l-istess;

(ċ) li l-ammont kien ta' 0.842 grammi ta' eroina u din **kienet f'idejh** fil-mument meta resqu l-Pulizija fuqu;

(d) Li l-imputat nqabad b'ammont ta' flus fuqu li, għall-anqas parti minnu,  kienet inspjegabbli meta wieħed iqis il-ftit li kien qiegħed idaħħal l-imputat.

(e0 Ftgti huwa kredibbli l-imputat meta jgħid li hu nstab b'għax qratas għax il-bejjiegħ tad-droga ma kellux 'gramma' sħiħa.

Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tqis ukoll li l-imputat kien 'heavy user' tal-eroina u li kien jieħu l-eroina matul il-jum.

Il-Qorti qed tikkonkludi li waqt li hemm probabilita' kbira li l-imputat kien ser jieħu parti mid-droga huwas stess, madanakollu l-provi juru li l-pussess tal-imputat kien pussess aggravat.  Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li rat il-konsiderazzjonijiet (a), (b) u (d) msemmija tliet paragrafi aktar 'il fuq.  Għalhekk il-Qorti qed tiddeciedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni – ir-reċidiva – kienet ippruvata wkoll permezz tas-sentenza li fiha l-imputat instab ħati ta' reat. Mill-piena ma kinux għaddwew ħames snin għaliex din ingħatat fil-11 ta' Jannar 2005 u huwa allegat li l-imputat wettaq ir-reat fl-14 ta' Frar 2007.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet u qed tikkundannah għal peian ta' priġunerija ta' seba' xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €585 liema multa tista' titħallas f'pagamenti ta' €40 kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din tinbidel skond il-Liġi.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti li jammontaw għal (405.74 + 189.93 = €595.67) liema ammont għandu jitħallas lir-reġistratur fi żmien xahar mil-lum. Jekk ma jitħallasx dan l-ammont, allura dan jinbidel f'jiem ta' priġunerija skond il-Liġi.

Dwar l-ammont ta' flus maqbud, Lm80 (sehem il-missier u xi dħul tal-imputat)għandhom jingħataw lura waqt li l-bqija għandhom ikun konfiskati.

Fl-aħħarnett il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------